REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1846

tal-14 ta' Ottubru 2015

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 703/2009 ([2]) il-Kunsill impona dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("Iċ-Ċina").

(2) Il-miżuri imposti ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* b'rata residwa ta' 24 % filwaqt li grupp wieħed ta' kumpaniji (Valin Group) irċieva rata ta' dazju individwali ta' 7,9 %.

2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([3]) tal-miżuri antidumping fis-seħħ, il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami tal-iskadenza ta' dawk il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba tressqet fid-29 ta' April 2014 mill-European Steel Association ("Eurofer" jew "l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-vireg tal-wajer.

(5) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri probabbli tirriżulta f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu lill-industrija tal-Unjoni.

3. Bidu ta' rieżami tal-iskadenza

(6) Wara li konsultat mal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku u determinat li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni ħabbret fit-2 ta' Awwissu 2014, permezz ta' avviż pubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("Notifika ta' bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

4. L-investigazzjoni

4.1. *Il-perjodi rilevanti koperti mill-investigazzjoni tar-rieżami tal-iskadenza*

(7) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014 (il-"perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami" jew "PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sat-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami (il-"perjodu kunsidrat").

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 703/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova u fit-Turkija (ĠU L 203, 5.8.2009, p. 1).
([3]) ĠU C 318, 1.11.2013, p. 6.
([4]) ĠU C 252, 2.8.2014, p. 7.

4.2. *Il-partijiet konċernati mill-investigazzjoni u t-teħid tal-kampjuni*

(8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikanti, lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur dwar il-bidu tar-rieżami tal-iskadenza.

(9) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta fil-limiti taż-żmien stipulati fin-Notifika ta' Bidu. Parti interessata waħda talbet seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni li saret fl-20 ta' Marzu 2015.

(10) Fid-dawl tal-għadd apparentement kbir ta' produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll ta' importaturi mhux relatati fl-Unjoni, fin-Notifika ta' Bidu kien previst kampjunar skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(11) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ kampjunar u jekk iva biex tagħżel kampjun rappreżentattiv, il-produtturi esportaturi u l-importaturi Ċiniżi mhux relatati kienu mitluba jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il jum mill-bidu tar-rieżami u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fin-Notifika ta' Bidu.

(12) B'kollox 45 produttur esportatur Ċiniż magħrufa ġew ikkuntattjati iżda ħadd minnhom ma preżenta ruħu u wieġeb għall-formola tat-teħid tal-kampjuni. Għalhekk, ma sarx kampjunar.

(13) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ċiniżi li skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jistgħu jintużaw l-aħjar fatti disponibbli. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta mingħand l-awtoritajiet Ċiniżi.

(14) B'kollox ġew ikkuntattjati disa' importaturi mhux relatati magħrufa. Ħadd ma preżenta ruħu u wieġeb għall-formola tat-teħid tal-kampjuni.

(15) Fl-istadju preliminari tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni kellha l-kooperazzjoni ta' 28 produttur/grupp ta' produtturi mill-Unjoni li kienu jirrappreżentaw madwar 70 % tal-produzzjoni tal-vireg tal-wajer fil-PIR. Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi li kkooperaw il-Kummissjoni ħadet kampjun. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni li seta' raġonevolment ikun investigat fiż-żmien disponibbli, meta wieħed iqis ukoll il-firxa ġeografika u l-kopertura suffiċjenti tat-tipi differenti tal-prodott. Il-kampjun magħżul inizjalment kien jikkonsisti f'sitt kumpaniji u rappreżenta 44,2 % tal-produzzjoni intenzjonata għas-suq ħieles.

4.3. *Il-kwestjonarji u l-verifika*

(16) Intbagħtu kwestjonarji lil sitt produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u lil żewġ produtturi f'pajjiżi analogi potenzjali li qablu li jikkooperaw.

(17) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand is-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mingħand iż-żewġ produttur fil-pajjiżi analogi potenzjali.

(18) Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi fl-Unjoni:

— Arcelor Mittal Hamburg GmbH, il-Ġermanja

— Global Steel Wire SA, Spanja

— Moravia Steel AS, ir-Repubblika Ċeka

— RIVA Acier SA, Franza

— Saarstahl AG, il-Ġermanja

— Tata Steel UK Ltd, ir-Renju Unit

(b) Produttur f'pajjiż analogu:

— Ereğli Demir ve Çelik Fabrikalri T.A.S., it-Turkija

B. IL-PRODOTT KONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott konċernat

(19) Il-prodott soġġett ta' dan ir-rieżami huwa l-istess bħal dak kopert fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri staneg u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, tal-ħadid, tal-azzar mhux illigat jew tal-azzar illigat għajr tal-azzar inossidabbli ("vireg tal-wajer" jew "il-prodott konċernat") li jaqa' taħt il-kodiċijiet 7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50 u 7227 90 95.

2. Il-prodott simili

(20) L-investigazzjoni tar-rieżami konfermat li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott konċernat u l-vireg tal-wajer prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku Ċiniż, il-vireg tal-wajer prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-vireg tal-wajer prodotti u mibjugħa fil-pajjiż analogu (it-Turkija) għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi. Għaldaqstant, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING

(21) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti x'aktarx twassalx għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping miċ-Ċina.

1. Il-kummenti preliminari

(22) Kif intqal fil-premessa 12 ħadd mill-produtturi esportaturi Ċiniżi ma offra l-kooperazzjoni tiegħu u għalhekk kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku r-riżultati kellhom ikunu bbażati fuq l-aħjar fatti disponibbli, b'mod partikolari fuq l-informazzjoni fit-talba għar-rieżami tal-iskadenza u l-istatistika, jiġifieri l-Eurostat u tad-dejta Ċiniża tal-esportazzjonijiet.

2. Dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami

(a) *Il-pajjiż analogu*

(23) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kellu jiġi determinat abbażi tal-prezzijiet imħallsa jew pagabbli fis-suq domestiku jew il-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa (il-"pajjiż analogu").

(24) Fl-investigazzjoni oriġinali, it-Turkija ntużat bħala pajjiż analogu għall-iskop tal-istabbiliment tal-valur normali fir-rigward taċ-Ċina. Abbażi tal-informazzjoni fit-talba għal rieżami, fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li hija kienet qed tipprevedi li tuża lill-Brażil bħala pajjiż analogu u stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw. In-Notifika ta' Bidu żiedet ukoll li pajjiżi oħra, b'mod partikolari t-Turkija, l-Iżvizzera, in-Norveġja u l-Ġappun kienu se jiġu eżaminati wkoll. Ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

(25) Flimkien mal-Brażil, il-Kummissjoni kuntattjat lill-produtturi kollha magħrufa jew potenzjali tal-vireg tal-wajer fit-Turkija, l-Iżvizzera, in-Norveġja u l-Ġappun (pajjiżi b'importazzjonijiet sinifikanti ta' vireg tal-wajer fl-Unjoni li jindikaw produzzjoni sinifikanti) u l-Istati Uniti (pajjiż b'industrija u suq domestiku kbar).

(26) Eventwalment żewġ produtturi tal-vireg tal-wajer qablu li jikkooperaw fl-investigazzjoni u provdew tweġiba għall-kwestjonarju tal-pajjiż analogu, jiġifieri Ereğli Demir ve Çelik Fabrikalri T.A.S. mit-Turkija u ArcelorMittal Brasil mill-Brazil.

(27) Tqiesu għadd ta' fatturi meta ġie deċiż dwar l-aktar pajjiż analogu xieraq għal din l-investigazzjoni, b'mod partikolari d-daqs tas-suq domestiku tal-pajjiż analogu b'livell sodisfaċenti ta' kompetizzjoni għall-prodott simili; ir-rappreżentattività tal-bejgħ domestiku (il-kwantità u l-profitabbiltà) tal-produtturi li kooperaw; id-daqs u l-firxa tal-prodotti offruti mill-produtturi li kooperaw u l-paragunabbiltà tal-prodotti u l-metodu tal-produzzjoni tagħhom ma' dak taċ-Ċina.

(28) Minħabba l-fatt li t-Turkija u l-produttur esportatur Tork li koopera sodisfaw il-kriterji ewlenin kollha għal pajjiż/produttur analogu xieraq ġie deċiż li t-Turkija tintuża bħala pajjiż analogu.

(b) *Il-valur normali*

(29) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, l-ewwel ġie eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili matul il-PIR lil konsumaturi indipendenti li sar mill-produttur tal-pajjiż analogu li koopera kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum totali tal-esportazzjoni għall-Unjoni, jiġifieri jekk il-volum totali ta' tali bejgħ domestiku kienx jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni li għamel il-prodottur tal-prodott simili mill-pajjiż analogu li koopera.

(30) Ġie eżaminat ukoll jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies bħala li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ domestiku bi profitt lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku matul il-PIR.

(31) Billi nstab li l-bejgħ domestiku kollu sar fi kwantitajiet suffiċjenti u fl-andament normali tal-kummerċ, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku reali u ġie kkalkulat bħala l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(c) *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(32) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u għalhekk fin-nuqqas ta' informazzjoni speċifika dwar il-prezzijiet Ċiniżi, il-prezz tal-esportazzjoni ġie determinat fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Intużaw is-sorsi ta' statistika disponibbli, jiġifieri tal-Eurostat.

(33) Skont l-Eurostat, 696 tunnellata biss ta' vireg tal-wajer kienu importati miċ-Ċina fl-Unjoni matul il-PIR, li jikkorrispondu għal 0,04 % tal-importazzjonijiet totali. Dan l-ammont huwa negliġibbli fid-dawl ta' konsum totali tal-Unjoni (17,8 miljun tunnellata).

(d) *Paragun u aġġustamenti*

(34) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika. Sabiex tiżgura tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi espress fil-livell ta' prezz mill-fabbrika, il-Kummissjoni aġġustat il-prezz CIF tal-Eurostat tal-ġarr u l-assigurazzjoni abbażi tal-informazzjoni mingħand l-ilmentatur. Il-prezzijiet domestiċi ġew aġġustati għall-ġarr, l-assigurazzjoni, il-maniġġ u l-ispejjeż tal-kreditu fuq il-bażi tad-dejta miksuba mingħand il-produttur fil-pajjiż analogu.

(e) *Marġini tad-dumping*

(35) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-dumping kien stabbilit fuq bażi ta' tqabbil bejn il-medja ponderata tal-valur normali mal-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni. Il-medja tal-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi tal-Eurostat meta mqabbla mal-valuri normali tal-pajjiż analogu ma writx l-eżistenza ta' dumping.

(36) Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi enfasizzat li kif jingħad fil-premessa 33, il-volumi tal-importazzjoni tal-prodott konċernat kienu baxxi ferm matul il-PIR. Kien osservat ukoll li għal bosta kodiċi NM l-prezzijiet varjaw ħafna, f'xi każijiet bi proporzjon ta' sa 30 darba matul il-perjodu meqjus. Huma diffiċli li tispjega dawn il-varjazzjonijiet bħal riżultat tal-forzi "normali" tas-suq u x'aktarx li huma r-riżultat tal-kwantitajiet żgħar tal-bejgħ.

(37) Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi, ma kien hemm mil-ebda informazzjoni disponibbli dwar it-taħlita tal-prodott tal-esportazzjonijiet Ċiniżi u għaldaqstant il-paragun mal-valur normali tal-pajjiż analogu seta' jsir biss fuq bażi aggregata.

(38) Għalhekk, is-sejba li ma kienx hemm dumping matul il-PIR titqies irrilevanti minħabba l-effett ikkombinat tal-kwantitajiet żgħar importati; il-varjazzjonijiet irregolari fil-prezzijiet kif ukoll in-nuqqas ta' informazzjoni dwar it-taħlita tal-prodott importat.

3. **Evidenza tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping**

(39) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-premessi 35 sa 38 ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kompliet tanalizza jekk kienx hemm probabbiltà li jerġa' jseħħ dumping jekk jiskadu il-miżuri. Meta għamlet dan, analizzat l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità żejda fiċ-Ċina, l-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi fi swieq oħra u kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni.

3.1. *Il-produzzjoni u l-kapaċità żejda fiċ-Ċina*

(40) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Assoċjazzjoni Worldsteel [1] il-produzzjoni totali tal-vireg tal-wajer Ċiniżi wriet xejra ta' tkabbir kbir matul dawn l-aħħar għaxar snin u laħqet il-qofol tagħha f'iktar minn 150 miljun [2] tunnellata fl-2013.

(41) Fi kliem ieħor iċ-Ċina hija responsabbli għal 77 % tal-produzzjoni dinjija tal-vireg tal-wajer, li jfisser li dan il-pajjiż jista' jkollu influwenza qawwija fuq il-kundizzjonijiet tas-suq permezz tad-deċiżjonijiet tiegħu tal-bejgħ. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-produzzjoni annwali taqbeż b'aktar minn seba' darbiet l-produzzjoni totali tal-Unjoni. Barra minn hekk, iż-żieda globali fil-produzzjoni tal-vireg tal-wajer Ċiniżi mill-2011 (26 miljun tunnellata), fiha nfisha taqbeż il-konsum totali tal-Unjoni li huwa estimat li huwa ta' 17-il miljun tunnellata.

(42) Skont it-talba għal rieżami, il-kapaċità żejda hija estimata għal madwar 50 miljun tunnellata fiċ-Ċina. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni miċ-Ċiniżi kien diffiċli li tinkiseb informazzjoni addizzjonali f'dan ir-rigward. Madankollu, fid-dawl tal-livelli għoljin ta' produzzjoni msemmija fil-premessi 40 u 41 meta mqabbla maċ-ċifri Ewropej u dawk madwar id-dinja, iċ-Ċina tista' faċilment tikkawża distorsjonijiet kbar fis-swieq permezz tad-deċiżjonijiet tagħha tal-bejgħ anke mingħajr ma tuża l-kapaċità żejda tagħha.

3.2. *Il-bejgħ miċ-Ċina lil pajjiżi terzi*

(43) Skont il-bażi tad-dejta tal-esportazzjonijiet Ċiniżi aktar minn 9 miljun tunnellata ta' vireg tal-wajer kienu esportati mad-dinja kollha miċ-Ċina matul il-PIR li jirrappreżentaw 50 % tal-konsum totali tal-Unjoni matul l-istess perjodu. It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor il-figuri għas-sitt l-akbar pajjiżi f'termini ta' volum ta' esportazzjonijiet Ċiniżi u t-Turkija, il-pajjiż analogu, tirrappreżenta aktar minn 53 % tal-esportazzjonijiet totali Ċiniżi matul il-PIR.

Tabella 1

L-esportazzjonijiet tal-vireg tal-wajer Ċiniżi fid-dinja (volum u prezzijiet, EUR)

Pajjiż	Volum 2012	Prezz medju 2012	Volum 2013	Prezz medju 2013	Volum fil-PIR	Prezz medju PIR
It-Tajlandja	756 919	484	1 009 662	423	1 152 561	394
Il-Korea t'Isfel	1 153 833	498	1 109 207	430	1 134 587	404
Il-Vjetnam	390 995	483	684 193	418	774 175	389
L-Indoneżja	381 893	487	554 034	432	615 982	401
L-Istati Uniti	301 523	458	628 111	408	588 047	391
Il-Malasja	333 185	488	447 220	433	469 895	405
It-Turkija	2 937	645	6 931	477	30 717	392
L-esportazzjonijiet totali Ċiniżi	5 539 649		7 943 297		9 073 220	

Sors: Il-bażi tad-dejta tal-esportazzjonijiet Ċiniżi.

[1] Assoċjazzjoni Worldsteel, Steel Statistical Yearbook 2014, http://www.worldsteel.org/dms/internetDocumentList/statistics-archive/yearbook-archive/Steel-Statistical-Yearbook-2014/document/Steel-Statistical-Yearbook-2014.pdf

[2] Din iċ-ċifra tinkludi kemm il-vireg tal-wajer tal-karbonju kif ukoll tal-azzar inossidabbli (l-azzar inossidabbli mhuwiex il-prodott konċernat). Eurofer, membru tal-Forum Internazzjonali tal-Azzar Inossidabbli, estima li matul il-perjodu kunsidrat u inkluż l-PIR il-produzzjoni l-vireg tal-wajer tal-azzar inossidabbli kienet ta' inqas minn 5 % tat-total tal-produzzjoni tal-vireg tal-wajer fiċ-Ċina.

(44) Il-prezz medju tal-esportazzjoni li kien hemm matul il-PIR għal kull wieħed pajjiż imsemmi hawn fuq kien taħt il-valur normali b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-marġini tad-dumping stabbilit fir-rigward tal-prezzijiet tal-bejgħ medji Ċiniżi (kif jidher fit-tabella hawn fuq) għal pajjiżi terzi kienu jvarjaw minn 14 % sa 24 % ([1]).

(45) Iċ-ċifri juru wkoll li l-esportazzjonijiet taċ-Ċina qed juru tendenza li qed tiżdied fil-volumi flimien ma' xejra ta' tnaqqis fil-prezzijiet. Fil-fatt l-istatistika disponibbli tindika li l-prezzijiet komplew jonqsu aktar wara l-PIR. Għadd ta' pajjiżi affettwati jħossu li dawn ix-xejriet huma ta' theddida għall-industrija tagħhom u introduċew miżuri protettivi (*inter alia*, il-Malasja u l-Indoneżja u iktar reċentement, wara l-PIR, it-Turkija ([2]), l-Istati Uniti u l-Pakistan).

(46) Fl-aħħar nett, stqarrijiet għall-istampa reċenti ([3]) jissuġġerixxu li s-suq domestiku Ċiniż u b'mod partikolari s-settur tal-kostruzzjoni ([4]) qed imajna. Għalhekk, l-opportunitajiet ta' bejgħ Ċiniżi qed jonqsu: is-swieq ewlenin tal-esportazzjoni tagħha qed jagħlqu u l-bejgħ domestiku ewlieni tagħha qed inaqqas. Għalhekk, jekk il-miżuri fl-Unjoni jitħallew jiskadu, hemm probabbiltà qawwija li ċ-Ċina tidderieġi minnufih il-prezz baxx (dumped) tagħha f'volumi kbar lejn is-suq tal-Unjoni.

3.3. *L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni*

(47) Minħabba l-livelli oġħla tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni meta mqabbla mal-prezzijiet tal-bejgħ Ċiniżi osservati f'pajjiżi terzi oħra kif jidher fit-Tabella 1, is-suq tal-Unjoni jitqies attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. L-eżistenza ta' miżuri tal-antidumping f'ħafna mis-swieq l-oħra tal-esportazzjoni tkompli żżid l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni. B'ħekk wieħed jista' raġonevolment jistenna li jekk il-miżuri jiġu revokati, l-esportazzjonijiet Ċiniżi jerġgħu jissoktaw f'volumi konsiderevoli fis-suq tal-Unjoni. Ta' min ifakkar li qabel ma ġew imposti l-miżuri oriġinali, fl-2008, il-volumi tal-bejgħ Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni kienu jammontaw għal 1,1 miljun tunnellata meta mqabbel mal-700 tunnellata fil-PIR.

3.4. *Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping*

(48) B'kunsiderazzjoni tal-livell ta' produzzjoni enormi tal-vireg tal-wajer fiċ-Ċina u bil-prattiċi tad-dumping tagħha lejn pajjiżi terzi kif ukoll l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni hekk kif deskritt hawn fuq, hemm probabbiltà qawwija li r-revoka tal-miżuri antidumping tirriżulta f'rikorrenza immedjata ta' dumping miċ-Ċina lejn l-Unjoni.

D. **DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

(49) Il-prodott simili kien manifatturat minn 72 produttur tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, li jikkostitwixxu l-'industrija tal-Unjoni' skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. L-ebda wieħed minnhom ma oppona it-tnedija.

(50) Iċ-ċifri kollha relatati ma' dejta sensittiva kellhom jiġu indiċjati jew jingħataw f'firxa għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

E. **IS-SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI**

1. **Il-konsum fl-Unjoni**

(51) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-istatistika disponibbli dwar l-importazzjoni, il-bejgħ reali tal-produtturi tal-Unjoni li kooperaw, bl-esklużjoni tal-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom, u l-bejgħ stmat tal-produtturi tal-Unjoni li ma jikkooperawx. Id-definizzjoni tal-konsum tirreferi għall-bejgħ f'suq ħieles, inklużi l-bejgħ ristrett iżda mingħajr l-użu ristrett. L-użu ristrett, jiġifieri t-trasferimenti interni tal-prodott simili fost il-produtturi integrati tal-Unjoni għal aktar proċessar, ma ġiex inkluż fiċ-ċifra tal-konsum tal-Unjoni, għax dawn it-trasferimenti interni mhumiex f'kompetizzjoni mal-bejgħ minn fornituri indipendenti fis-suq ħieles. Il-bejgħ ristrett, jiġifieri l-bejgħ lil kumpaniji relatati, ġie inkluż fiċ-ċifra tal-konsum tal-Unjoni billi skont id-dejta miġbura matul l-investigazzjoni, il-kumpaniji relatati tal-produtturi tal-Unjoni kienu ħielsa li jixtru vireg tal-wajer minn sorsi oħra. Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni għal partijiet relatati nstabu li huma konformi mal-prezzijiet medji tal-bejgħ lil partijiet mhumiex relatati.

([1]) Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-marġnijiet ta' dumping konkreti stabbiliti ma jistgħux jiġu żvelati u għalhekk huma ppreżentati f'firxiet.

([2]) It-Turkija żiedet ir-rata tad-dazju regolari tagħha sa 40 % fuq il-vireg tal-wajer f'Novembru 2014, jiġifieri wara l-PIR u għalhekk ma affettwatx is-sejbiet fil-pajjiż analogu.

([3]) South China Morning Post tal-20 ta' Jannar 2015, Le Figaro tas-26 ta' Marzu 2015, The Australian Financial review tal-20 April 2015, is-CNBC tas-7 ta' Mejju 2015.

([4]) Il-vireg tal-wajer jintużaw ħafna fis-settur tal-kostruzzjoni.

(52) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Il-konsum tal-Unjoni

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Volum (tunnellati)	18 522 439	16 024 244	17 134 056	17 826 678
Indiċi (2011 = 100)	*100*	*87*	*93*	*96*

Sors: Eurostat u r-risposti għall-kwestjonarji.

(53) Il-konsum tal-Unjoni naqas b'4 % minn 18,5 miljun tunnellata fl-2011 għal 17,8 miljun tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-konsum matul il-perjodu kunsidrat kien aktar baxx mill-konsum ta' 23,6 miljun tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali (minn April 2007 sa Marzu 2008). It-tnaqqis fil-konsum huwa konsegwenza tal-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika li kkawżat tnaqqis fil-konsum kumplessiv tal-vireg tal-wajer, b'mod partikolari fl-industriji tal-karozzi u tal-bini.

2. **Importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat**

(a) *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat*

(54) Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu stabbiliti fuq il-bażi tal-Eurostat.

(55) Il-volum tal-importazzjoni lejn l-Unjoni mill-pajjiż konċernat u s-sehem tiegħu mis-suq żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq

Pajjiż		2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Iċ-Ċina	Volum (tunnellati)	3 108	911	88	696
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*29*	*3*	*22*
	Sehem mis-suq (%)	0,02	0,01	0,00	0,00
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*34*	*3*	*23*

Sors: Eurostat.

(56) Filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu jgħoddu għal sehem mis-suq ta' 5 % u għal 1,1 miljun tunnellata matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali, abbażati tal-informazzjoni mill-Eurostat dawn virtwalment sparixxew mis-suq tal-Unjoni. Fil-fatt, l-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu minn 3 108 għal 696 tunnellata matul il-perjodu kunsidrat.

(57) Il-kumpanija b'rata tad-dazju ta' 7,9 % hija relatata ma' Arcelor Mittal Group u skont dawk li ressqu l-ilment ma għadhiex tipproduċi kwantitajiet sinifikanti ta' vireg tal-wajer. Madankollu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi l-oħra wkoll waqfu jbigħu fl-Unjoni. Is-suq tal-vireg tal-wajer jidher li huwa sensittiv ħafna għall-prezzijiet u l-24 % żieda fil-prezz minħabba d-dazju antidumping fis-seħħ wasslet biex l-esportaturi Ċiniżi jitilfu l-interess fis-suq tal-Unjoni.

(b) *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(58) Il-prezzijiet tal-importazzjoni ġew stabbiliti abbażi tal-Eurostat. Minħabba l-volumi negliġibbli ta' importazzjoni miċ-Ċina lejn l-UE, in-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi u n-nuqqas ta' dejta dwar il-prezzijiet relatati mat-tip tal-prodott fuq il-kwantitajiet negliġibbli ta' importazzjoni tagħhom, ma kienx possibbli li jsir kalkolu tajjeb tat-twaqqigħ tal-prezzijiet. Madankollu, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn pajjiżi terzi kif muri fit-tabella 1 waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'aktar minn 25 % bħala medja. Għalhekk, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu huwa mistenni l-istess livell sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni

3. **L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn mhux soġġetti għal miżuri**

(59) Il-pajjiżi esportaturi ewlenin lejn l-Unjoni huma l-Moldova, in-Norveġja, ir-Russja, l-Ukraina u l-Iżvizzera. L-importazzjonijiet totali tal-prodott konċernat minn pajjiżi terzi żdiedu b'19,2 % (minn 1,22 għal 1,45 miljun tunnellata) waqt il-perjodu kunsidrat u jirrappreżentaw 7,5 % tal-konsum tal-Unjoni. Matul l-istess perjodu il-prezzijiet medji tal-importazzjoni ta' unità kienu qed jonqsu b'mod konsistenti minn EUR 592 għal EUR 506 t-tunnellata, tnaqqis ta' 14,6 %.

Tabella 4

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Il-Moldova	Volum (tunnellati)	47 084	99 126	86 083	185 982
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*211*	*183*	*395*
	Sehem mis-suq (%)	0,25	0,62	0,50	1,04
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	528	483	445	438
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*91*	*84*	*83*
In-Norveġja	Volum (tunnellati)	130 614	128 439	125 267	134 313
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*98*	*96*	*103*
	Sehem mis-suq (%)	0,71	0,80	0,73	0,75
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	552	538	495	486
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*97*	*90*	*88*
Ir-Russja	Volum (tunnellati)	47 185	89 236	91 037	112 748
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*189*	*193*	*239*
	Sehem mis-suq (%)	0,25	0,56	0,53	0,63
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	494	486	436	425
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*98*	*88*	*86*

Pajjiż		2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
L-Ukraina	Volum (tunnellati)	379 216	193 955	256 928	307 276
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*51*	*68*	*81*
	Sehem mis-suq (%)	2,05	1,21	1,50	1,72
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	505	507	457	443
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*100*	*90*	*88*
L-Iżvizzera	Volum (tunnellati)	290 689	293 352	297 980	298 104
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*101*	*103*	*103*
	Sehem mis-suq (%)	1,57	1,83	1,74	1,67
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	694	632	607	596
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*91*	*87*	*86*
Total ta' pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati)	1 220 464	1 086 787	1 250 867	1 454 411
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*89*	*102*	*119*
	Sehem mis-suq (%)	6,59	6,78	7,30	8,16
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	591	564	522	506
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*95*	*88*	*86*
Total ta' pajjiżi terzi	Volum (tunnellati)	1 223 572	1 087 698	1 250 955	1 455 107
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*89*	*102*	*119*
	Sehem mis-suq (%)	6,61	6,79	7,30	8,16
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	592	564	522	506
	Indiċi (2011 = 100)	*100*	*95*	*88*	*85*

Sors: Eurostat.

4. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(60) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-istat tal-industrija tal-Unjoni.

(61) Biex għamlet dan, il-Kummissjoni ddistingwiet bejn l-indikaturi tal-ħsara makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. L-indikaturi makroekonomiċi għall-perjodu kkunsidrat ġew stabbiliti, analizzati u eżaminati fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-industrija tal-Unjoni. L-indikaturi mikroekonomiċi ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura u verifikata fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(62) Fit-taqsimiet li ġejjin, l-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, l-istokks, il-volum tal-bejgħ, is-sehem is-suq u t-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs reali tal-marġini tad-dumping u l-irkupru mid-dumping preċedenti. L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost tal-produzzjoni, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment, il-possibbiltà li jinġabar kapital u l-kostijiet lavorattivi.

(a) *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(63) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw hekk matul il-perjodu kunsidrat:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità produttiva u l-użu tal-kapaċità

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Volum ta' produzzjoni (Tunnellati)	21 502 127	18 565 812	19 742 360	20 236 339
Volum ta' produzzjoni *Indiċi*	*100*	*86*	*92*	*94*
Kapaċità ta' produzzjoni (Tunnellati)	28 147 358	28 001 765	28 051 425	28 061 036
Kapaċità ta' produzzjoni *Indiċi*	*100*	*99*	*100*	*100*
Użu tal-kapaċità (%)	76	66	70	72

Sors: Eurostat u r-risposti għall-kwestjonarji.

(64) Matul il-perjodu kunsidrat il-produzzjoni naqset b'6 %, il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli, u l-użu tal-kapaċità naqas minn 76 % għal 72 %.

(b) *Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq*

(65) Il-volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kunsidrat kif ġej:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Volum tal-bejgħ fl-Unjoni (tunnellati)	17 298 867	14 936 546	15 883 101	16 371 571
Volum tal-bejgħ fl-Unjoni *Indiċi*	*100*	*86*	*92*	*95*

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Sehem mis-suq (%)	93,4	93,2	92,7	91,8

Sors: Eurostat u r-risposti għall-kwestjonarji.

(66) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas b'5 % matul il-perjodu kunsidrat.

(c) *It-tkabbir*

(67) Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas bi 4 % matul il-perjodu kunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 5 % li sarraf f'telf ta' sehem mis-suq ta' 1,6 punti perċentwali.

(d) *Impjiegi u produttività*

(68) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej tul il-perjodu kunsidrat:

Tabella 7

L-impjiegi u l-produttività

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Għadd ta' impjegati	8 888	8 851	8 849	8 991
Għadd ta' impjegati *Indiċi*	*100*	*100*	*100*	*101*
Produttività (unitajiet/impjegat)	2 419	2 098	2 231	2 251
Produttività (unitajiet/impjegat) *Indiċi*	*100*	*87*	*92*	*93*

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju.

(69) L-impjiegi baqgħu pjuttost stabbli matul il-perjodu kunsidrat. Fl-istess ħin, il-produttività naqset b'7 % minħabba tnaqqis fil-produzzjoni kif muri fit-tabella 7 fil-premessa 68.

5. **Id-daqs tal-marġini tad-dumping u l-irkupru minn dumping fl-imgħoddi**

(70) Il-marġni tad-dumping stabbilit għaċ-Ċina fl-investigazzjoni oriġinali kien ferm ogħla mil-livell *de minimis*, filwaqt li l-volum tal-importazzjoni miċ-Ċina baqa' f'livell negliġibbli matul il-perjodu meqjus kollu. Madankollu, jekk il-miżuri jitħassru, l-impatt mistenni tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni jkun sinifikanti, abbażi tal-volum li qiegħed jiżdied u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn pajjiżi terzi, kif imsemmi fil-premessi 45 u 46. L-industrija tal-Unjoni kienet għadha fi proċess ta' rkupru mill-effetti tad-dumping dannuż tal-passat minn importazzjonijiet tal-vireg tal-wajer li joriġina miċ-Ċina, kif imsemmi fil-premessa 83.

(a) *Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(71) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lill-konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kunsiderat:

Tabella 8

Il-prezzijiet medji tal-bejgħ

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Prezz medju ta' bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata)	638	588	545	539
Prezz medju ta' bejgħ ta' unità fl-Unjoni *Indiċi*	*100*	*92*	*85*	*85*
Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata)	606	581	533	514
Kost tal-produzzjoni ta' unità *Indiċi*	*100*	*96*	*88*	*85*

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju.

Il-prezz tal-bejgħ medju ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil konsumaturi fl-Unjoni u l-kost tal-produzzjoni t-tnejn naqsu bi 15 % matul il-perjodu kunsidrat. Għalhekk, il-prezz tal-bejgħ bħala medja segwa l-evoluzzjoni tal-ispejjeż.

(b) *Kostijiet lavorattivi*

(72) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet medji għal kull impjegat

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	51 320	53 514	52 366	51 814
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat *Indiċi*	*100*	*104*	*102*	*101*

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju.

(73) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat baqgħu stabbli matul il-perjodu kunsidrat. Dan jista' jiġi spjegat prinċipalment biż-żieda fl-isforzi tal-industrija tal-Unjoni biex tikkontrolla l-kost tal-produzzjoni u b'hekk iżomm il-kompetittività tagħha.

(c) *Inventarji*

(74) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw hekk matul il-perjodu kunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	400 531	400 256	429 765	471 135
Stokkijiet tal-għeluq *Indiċi*	*100*	*100*	*107*	*118*
L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	1,9	2,2	2,2	2,3

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju.

(75) Matul il-perjodu kunsidrat, l-istokkijiet tal-industrija tal-Unjoni kumplessivament żdiedu bi 18 %. Parti sinifikanti tal-produzzjoni tal-vireg tal-wajer tikkonsisti fi prodotti standard u l-industrija tal-Unjoni għalhekk trid iżżomm ċertu livell ta' ħażna sabiex tkun f'pożizzjoni biex tissodisfa malajr id-domanda tal-konsumaturi tagħha. L-istokk tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni baqgħet relattivament stabbli, wara l-evoluzzjoni tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(d) *Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investiment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jinġabar kapital*

(76) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 11

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redittu fuq l-investimenti

	2011	2012	2013	Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ)	5,1	1,2	2,3	4,7
Fluss tal-flus (EUR)	179 540 905	82 626 580	107 291 306	159 860 366
Investimenti (EUR)	103 206 819	81 357 885	62 499 682	42 831 235
Redditu fuq l-investimenti (%)	3,8	– 0,1	0,8	3,0

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju.

(77) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni billi l-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà naqset minn 5,1 % għal 4,7 %. Dan huwa inqas mill-profitt fil-mira ta' 9,9 % li ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(78) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-attività tagħha u li dan kien pożittiv matul il-perjodu kunsidrat. Madankollu, l-indikatur irreġistra tnaqqis sinifikanti ta' 11 %. Dan iqajjem tħassib dwar il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tkompli għaddejja bl-iffinanzjar proprju neċessarju tal-attivitajiet tagħha.

(79) L-investimenti naqsu b'mod sinifikanti bi 58 % matul il-perjodu kunsidrat. Huma jirrappreżentaw prinċipalment investimenti meħtieġa għall-manutenzjoni u l-konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi ta' sikurezza. Il-fatt li ma sarux investimenti għall-espansjoni tal-kapaċità jista' jindika l-possibbiltà ta' xejriet tas-suq fit-tul negattivi.

(80) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku gross tal-investimenti. Dan l-indikatur naqas minn 3,8 % għal 3 % matul il-perjodu kkunsidrat minħabba t-tnaqqis tal-profitti.

(81) B'kunsiderazzjoni tal-profittabilità u l-likwidità li qed jonqsu, l-abilità tal-kumpanija li tiġbor kapital kienet affettwata b'mod negattiv ukoll.

(e) *Il-produzzjoni maħsuba għall-użu intern tal-industrija tal-Unjoni*

(82) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, il-proporzjon ta' produzzjoni maħsuba għal-użu intern instab li ma kienx sinifikanti peress li madwar 11 % biss tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tintuża internament fi ħdan il-grupp. Ġeneralment, volum ogħla ta' produzzjoni jwassal għal ekonomiji ta' skala li huma ta' benefiċċju għall-produttur konċernat. L-industrija tal-Unjoni fil-biċċa l-kbira tagħha hija integrata vertikalment u l-produzzjoni maħsuba għall-użu intern tintuża għal proċessar ulterjuri fi prodotti ta' valur miżjud fl-industrija downstream. L-investigazzjoni ma wriet ebda problema fil-produzzjoni li hija realata ma' dawn il-prodotti downstream. Fil-fatt, il-produzzjoni maħsuba għall-użu intern baqgħet stabbli matul il-perjodu kunsidrat. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-produzzjoni maħsuba għall-użu intern tal-industrija tal-Unjoni ma kellhom l-ebda impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

(f) *Konklużjoni dwar id-dannu*

(83) Matul il-perjodu kunsidrat, kważi l-indikaturi kollha tad-danni tal-industrija tal-Unjoni wrew xejra negattiva. B'mod aktar speċifiku, il-produzzjoni tal-Unjoni naqset b'6 %, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità naqset minn 76 % għal 72 %, is-sehem mis-suq naqas b'1,6 punt perċentwali minn 93,4 % għal 91,8 % u l-istokks tal-għeluq żdiedu b'18 %. Barra minn hekk, indikaturi oħra ta' ħsara bħalma huma l-volumi tal-bejgħ lil partijiet mhux relatati fl-Unjoni (– 6 %) u l-esportazzjonijiet lil partijiet mhux relatati (– 22 %) ukoll urew xejra negattiva. Il-prezzijiet tal-bejgħ medji ta' unità lil partijiet mhux relatati fl-Unjoni u l-kost tal-produzzjoni naqsu t-tnejn bi 15 %. Il-profitabbiltà naqset minn 5,1 % għal 4,7 % li hija anqas mil-profit fil-mira ta' 9,9 % li kien stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. L-investimenti naqsu b'mod sinifikanti b'58 % u l-fluss ta' flus naqas bi 11 %. Peress li l-impjiegi baqgħu pjuttost stabbli, il-produttività naqset b'7 %.

(84) Madankollu, dawn ix-xejriet negattivi ma jistgħux jiġu attribwit lill-importazzjonijiet Ċiniżi, peress li dawn kienu limitati f'termini ta' volum u sehem mis-suq. L-analiżi għalhekk iddur fuq l-impatt li jkollhom l-importazzjonijiet Ċiniżi, jekk jerġgħu jibdew, fuq l-industrija tal-Unjoni li għadha ma rkupratx għal kollox mill-prassi preċedenti ta' dumping Ċiniżi.

F. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA JEW KONTINWAZZJONI TAD-DANNU**

1. **Kumment preliminari**

(85) Għalkemm il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni tal-miżuri fl-2009, huwa kkunsidrat li l-kapaċità ta' produzzjoni sinifikanti li fadal fiċ-Ċina tista' faċilment tiġi diretta lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

2. **L-impatt tal-volum projettat tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-effetti fuq il-prezzijiet f'każ li jitneħħew il-miżuri**

(86) Kif stabbilit fil-premessi 40 sa 42 hawn fuq, il-kapaċità tal-produzzjoni totali tal-vireg tal-wajer hija ta' aktar minn 150 miljun tunnellata filwaqt li l-kapaċità żejda stmata hija ta' madwar 50 miljun tunnellata. Dawn iż-żewġ ammonti jaqbżu bil-kbir il-konsum totali tal-Unjoni tal-vireg tal-wajer. Barra minn hekk, kif jirriżulta minn l-istatistika Ċiniża, iċ-Ċina f'dawn l-aħħar snin irnexxielha torjenta l-produzzjoni żejda mill-Unjoni lejn pajjiżi oħra fejn hemm inqas restrizzjonijiet fuq il-kummerċ. Dan madankollu nbidel minħabba li xi swieq terzi reċentement introduċew miżuri protettivi biex b'hekk effettivament għalqu jew tal-anqas fixklu l-aċċess tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Fi kwalunkwe każ, is-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti minħabba l-prezzijiet tal-bejgħ relattivament għoljin

għall-prodott konċernat meta mqabbel ma' swieq ta' pajjiżi terzi oħra. B'hekk, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li bħala konsegwenza għall-attrattività tas-suq tal-Unjoni, minħabba d-daqs u l-livelli tal-prezzijiet tiegħu, jekk il-miżuri jitħassru parti sostanzjali tal-produzzjoni Ċiniża attwali terġa' tiġi diretta lejn l-Unjoni. B'konsiderazzjoni tal-istampa attwali tad-dannu u l-prassi ta' dumping tal-esportaturi Ċiniżi, l-investigazzjoni wriet li s-sospensjoni tal-miżuri fil-probabbiltà kollha tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' esportazzjonijiet miċ-Ċina bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u b'hekk tikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

3. **Konklużjoni**

(87) Fid-dawl ta' dak li ntqal, huwa konkluż li t-tħassir tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina x'aktarx li jirriżulta f'rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

G. **INTERESS TAL-UNJONI**

(88) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping eżistenti kontra ċ-Ċina tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament ta' kull wieħed mill-bosta interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

(89) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità jesprimu l-opinjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(90) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping u dannu, eżistewx raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(91) L-industrija tal-Unjoni tilfet b'mod konsistenti sehem mis-suq u ġarrbet ħsara materjali matul il-perjodu meqjus. Jekk il-miżuri jitħassru l-industrija tal-Unjoni wisq probabbli tkun f'qagħda saħansitra agħar.

(92) Għaldaqstant, ġie konkluż li l-miżuri fis-seħħ kontra ċ-Ċina jkunu fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

2. **Interess ta' importaturi/kummerċjanti tas-suq**

(93) L-ebda wieħed mill-importaturi/negozjanti ma ppreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni tar-rieżami tal-iskadenza. Ma hemmx indikazzjonijiet li l-kontinwazzjoni tal-miżuri jkollha effett negattiv sinifikanti fuq l-attivitajiet tagħhom.

3. **L-interess tal-utenti**

(94) Ħadd mill-utenti ma ppreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni tar-rieżami tal-iskadenza. Rigward l-utenti, fl-investigazzjoni oriġinali kien ġie konkluż li l-impatt possibbli kumplessiv tal-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-attivitajiet tal-utenti jkun limitat ħafna. L-ewwel nett, il-maġġoranza vasta tal-utenti jixtru vireg tal-wajer minn sorsi mhux Ċiniżi li huma abbundanti. It-tieni nett, l-impatt possibbli tal-impożizzjoni tal-miżuri għandha titqies fid-dawl tal-prodotti downstream li għandhom valur miżjud għoli. Fuq din il-bażi, huwa konkluż li ż-żamma tal-miżuri mhux se jkollha impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni attwali tal-utenti.

4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(95) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni konkludiet li ma hemmx raġunijiet konvinċenti għall-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri antidumping attwali kontra ċ-Ċina.

H. **MIŻURI ANTIDUMPING**

(96) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jibqgħu fis-seħħ il-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara dik id-divulgazzjoni. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien xieraq. Parti interessata ressqet kummenti b'sostenn għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

(97) B'hekk huwa ċar minn dan imsemmi hawn fuq li kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-vireg tal-wajer li joriġinaw miċ-Ċina, imposti mir-Regolament (KE) Nru 703/2009 għandhom jinżammu.

(98) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li f'dan il-każ huma meħtieġa miżuri speċjali biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji tal-antidumping. Dawn il-miżuri speċjali, li japplikaw għall-kumpaniji li għalihom tkun introdotta rata individwali tad-dazju, jinkludu dan li ġej: il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'tali fattura jkunu suġġetti għad-dazju tal-antidumping residwu li japplika għall-produtturi l-oħra kollha.

(99) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping individwali jekk aktar 'l quddiem tibdel isem l-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([1]). It-talba trid tinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, tiġi ppubblikata notifika ta' informazzjoni dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(100) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv hu b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' staneg u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, tal-ħadid, tal-azzar mhux illigat jew tal-azzar illigat li mhumiex tal-azzar inossidabbli, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50 u 7227 90 95.

2. Ir-rata tad-dazju tal-antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpanniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

Kumpanija	Rata ta' dazju AD (%)	Kodiċijiet addizzjonali TARIC
Valin Group	7,9	A930
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	24,0	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 issehħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fiha jidhru dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat minn ismu/isimha u l-funzjoni, abbozzata kif ġej: "*Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li [l-volumt] ta' vireg tal-wajer mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea u kopert b'din il-fattura ġie manifatturat minn [isem u indirizz il-kumpanija] [kodiċi addizzjonali TARIC] fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett*." Jekk ma tkun ippreżentata l-ebda fattura bħal din, tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali fis-seħħ.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi/Wetstraat 170, 1040 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER